A.L. 104 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) — B.Sc. (Nursing Studies Hons.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att..

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) — B.Sc. (Nursing Studies Hons.)

Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) — B.Sc. (Nursing Studies Hons.)

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) — B.Sc. (Nursing Studies Hons.)

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) — B.Sc. (Nursing Studies Hons.);

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) — B.Sc. (Nursing Studies Hons.)

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1989 jew wara.

Eliġibbilità għall-Grad

3. Biex ikun jista' jingħata l-Grad kandidat irid:

(a) ikun irreġistrat bħala student regolari;

(b) ikun temm kors xieraq ta' studji;

(ċ) ikun għadda mill-eżamijiet rilevanti;

(d) ikollu ċertifikat ta' kondotta tajba kif jixraq lil persuna li għandha d-dritt li tuża t-titolu ta' "Infermier" liema ċertifikat għandu jkun iffirmat mill-Kap ta' l-Istudji ta' Infermiera; u

(e) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżlin f'dawn ir-regolamenti.

Rekwiżiti Speċjali tal-Kors

4. (1) Kandidat jista' jiġi rreġistrat bħala student regolari fl-Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa jekk jissodisfa:

(a) ir-rekwiżiti ġenerali għall-Matrikola mniżżla fir-Regolamenti għad-Dħul (RO1);

(b) lill-Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa li għandu x-xejriet meħtieġa biex ikun infermier għal liema fini jista' jiġi msejjaħ jattendi għal intervista; u

(ċ) lid-Dipartiment tas-Saħħa li hu medikament tajjeb li jidħol għall-istudji ta' l-infermiera.

(2) Studenti barranin għandhom ukoll juru kapaċità fl-Ingliż kemm bil-miktub u kemm bil-fomm.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq erba' snin. Kandidat ma jistax jagħmel l-eżami komprensiv finali qabel tliet snin jew wara ħames snin mill-ewwel darba li jkun daħal għall-Kors, ħlief bil-permess tas-Senat.

Il-Kors ta' l-Istudji

6. (1) Il-Kors hu magħmul minn għadd ta' taqsimiet studju li lil kull waħda minnhom hu mogħti numru speċifiku ta' kredti. L-għadd totali ta' kredti għandu jissodisfa l-ħtiġijiet preskritti mill-Kummissjoni Ewropea dwar "General Nurse Education". (Ara Nota 1).

(2) Il-Kors ikollu żewġ komponenti distinti minn xulxin għalkemm interdipendenti, wieħed teoriku u l-ieħor kliniku.

Il-Komponent Teoriku

7. (1) Il-komponent teoriku tal-Kors ikun magħmul minn taqsimiet studju li għalihom jingħataw mhux inqas minn 120 kredtu.

(2) Ċertifikat ta' kredti jinħareġ lill-kandidat meta jtemm b'suċċess taqsima studju. Dan iċ-ċertifikat juri wkoll grad li jindika l-livell milħuq mill-istudent fix-xogħol magħmul matul it-taqsima studju u f'test li jsir fit-tmiem tagħha. Il-gradi għandhom ikunu kif ġej:

A Eċċellenti
B Tajjeb ħafna
Ċ Sodisfaċenti
D Għadda
F Weħel

Ebda kredtu ma jingħata għal taqsima studju mhux mitmuma.

(3) Kandidat jitħalla jerġa' jagħmel l-eżami darba jekk jeħel minn taqsima studju. Jekk igħaddi fir-riparatorju, il-grad li jingħata jkun D. Jekk ma jgħaddix, il-kandidat irid jirrepeti t-taqsima studju u meta jtemmha jkun jista' jingħata biss il-Grad D.

(4) Kandidat li f'xi sena —

(a) jonqos li jikseb 80% tan-numru totali tal-kredti mogħtija, jew

(b) jonqos li jikseb iktar minn 80% f'xi wieħed minn dawn li ġejjin:

Nursing Theory
Biomedical Sciences
Behavioural Sciences

ma jitħalliex ikompli l-Kors jew jagħmel l-eżami komprensiv finali ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

(5) Il-Bord ta' l-Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa għandu jindika liema taqsimiet studju kandidat jista' jieħu, u f'liema ordni, biex itemm il-Kors.

(6) Katalogu ta' taqsimiet studju, bil-kredti mogħtija lil kull waħda, ikun ippubblikat qabel ma tibda kull sena akkademika.

Komponent Kliniku

8. (1) Il-komponent kliniku tal-Kors ikun magħmul minn taqsimiet studju fl-għamla ta' pjazzamenti kliniċi jew ħidma fuq il-post taħt tmexxija. Mhux inqas minn 46 kredtu għandhom jingħataw lil dan il-komponent.

(2) L-istudenti jridu joqogħdu għal pjazzamenti kliniċi f'oqsma speċifikati mill-Bord ta' l-Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa, fl-ordni stabbilit minnu.

(3) Lista ta' pjazzamenti kliniċi bil-kredti mogħtija lil kull waħda għandha tkun ippubblikata qabel ma tibda kull sena akkademika.

(4) L-istudenti ma jitħallewx jagħmlu l-eżami komprensiv finali jekk ma jkunux kisbu għallinqas 40 kredtu kliniku fl-oqsma ta' prattika klinika (ara Nota 2) murija hawn taħt bl-għadd minimu ta' kredti indikati għal kull wieħed:

Prattika Klinika	*Minimu ta' Kredti*
Mediċina Ġenerali u Speċjalizzata	6
Kirurġija Ġenerali u Speċjalizzata	6
Ħarsien tat-Tfal u Pedjatrija	3
Ħarsien tal-Maternità	3
Saħħa Mentali u Psikjatrija	3
Ħarsien ta' l-Anzjani	3
Xogħol ta' Infermier għall-Komunità (id-Dar)	2

(5) L-istudenti jiġu valutati matul il-pjazzamenti kliniċi. Grad globali għandu jingħata fl-aħħar ta' kull sena klinika. L-istudenti li ma jgħaddux jistgħu jerġgħu jieħdu valutazzjoni matul il-perjodu tax-xogħol, iżda mhux qabel ma tkun għaddiet għallinqas ġimgħa mill-ewwel valutazzjoni.

(6) Ċertifikat ta' kredtu jinħareġ lil kandidat meta jtemm b'suċċess pjazzament kliniku. Iċ-ċertifikat għandu juri l-għadd tal-kredti mogħtija.

(7) Student li ma jirnexxilux igħaddi f'xi sena ma jitħalliex ikompli l-Kors, jew jagħmel l-eżami komprensiv finali, ħlief f'ċirkostanzi speċjali bil-permess tas-Senat.

Tmiem tal-Kors

9. (1) Biex itemm il-Kors kandidat irid jikseb dan l-għadd ta' kredti:

(a) 90 kredtu fit-Teorija ta' l-Infermiera

(b) 30 kredtu f'Suġġetti li jgħinu x-Xogħol ta' l-Infermiera

(ċ) 46 kredtu fil-Prattika Klinika ta' l-Infermiera, u

(d) kredti teoriċi jew tal-prattika klinika oħra kif meħtieġa biex itemm il-Kors skond id-direttivi tal-Kummissjoni Ewropea dwar "General Nurse Education".

(2) Il-Bord ta' l-Istitut tal-Ħarsien tas-Saħħa jista' jeżenta kandidat mir-rekwiżit li jikseb ċertifikat ta' kredtu għal xi taqsima studju partikolari jekk ikun kiseb mill-Università jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-fini, kwalifika li l-istudju għaliha hu, fil-fehma tal-Bord, ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dik li hi meħtieġa għaċ-ċertifikat tal-kredtu li għandu x'jaqsam. Il-kandidati jistgħu jiġu eżentati minn sa wieħed minn ħamsa tal-komponent teoriku. Infermiera kwalifikati jistgħu jiġu eżentati minn sa —

(a) terz tal-modulu teoriku; u

(b) tliet kwarti tal-kredti marbutin mal-prattika klinika biex jidħlu għall-eżami komprensiv finali.

Abbiltà Professjonali

10. Studenti ma jitħallewx joqogħdu għall-eżami finali komprensiv jekk ma jkunux kisbu l-abbiltà ta' Infermier Reġistrat, jiġifieri:

(a) juru t-tagħrif u kapaċitajiet neċessarji biex jiksbu dak li hu meħtieġ għas-saħħa u mard ta' individwi u ta' gruppi f'qasam partikolari tal-prattika;

(b) jagħrfu fatturi komuni li jikkontribwixxu għal, u dawk li għandhom effett ħażin għas-saħħa fiżika, mentali u soċjali ta' pazjenti jew klijenti u li jafu jieħdu azzjoni xierqa;

(ċ) jidentifikaw l-implikazzjonijiet soċjali u ta' saħħa ta' handikappati fiżikament u mentalment jew mard, u tqala u twelid, ta' l-individwu, il-ħbieb tiegħu, familja u komunità;

(d) juru tagħrif dwar l-iżvilupp normali tal-fetu, tat-tarbija, tat-tifel, ta' l-adolexxenti u taż-żgħażagħ, tal-persuni ta' età medja u tax-xjuħ;

(e) juru apprezzament għar-riċerka u għall-użu ta' letteratura rilevanti u riċerka bħala għajnuna għall-prattika;

(f) juru responsabbilità professjonali u juru ħajra għall-edukazzjoni u żvilupp kontinwu;

(ġ) juru interess għall-fatturi soċjali u politiċi li għandhom x'jaqsmu mal-kura tas-saħħa;

(ħ) juru tagħrif u fehma biex ilaħħqu mar-rekwiżiti ta' leġislazzjoni li hija rilevanti għall-prattika tagħhom;

(i) jagħrfu u jirrispettaw d-drittijiet personali u konfidenzjali tal-pazjenti u klijenti;

(j) jiżviluppaw relazzjonijiet ta' għajnuna u kura mal-pazjenti, klijenti u l-familji jew ħbieb tagħhom; jibdew, ikomplu u jispiċċaw relazzjonijiet terapewtiċi ma' pazjenti billi jużaw l-kapaċitajiet interpersonali u komunikattivi xierqa;

(k) jidentifikaw il-bżonnijiet ta' tagħlim relatati mas-saħħa ta' pazjenti, klijenti, familji jew ħbieb u jipparteċipaw fil-promozzjoni/edukazzjoni tas-saħħa;

(l) juru u jifhmu l-funzjonijiet ta' membri individwali ta' grupp li jipprovdi aspetti ta' kura ta' pazjenti/klijenti; jaħdmu effiċjentement fi grupp u jassistu b'mod ta' trattament multi-dixxiplinarju meta jixraq;

(m) jassenjaw xogħol xieraq lil min igħin u jipprovdu superviżjoni u jsegwu x-xogħol hekk assenjat;

(n) jidentifikaw il-bżonnijiet fiżiċi, psikoloġiċi, soċjali u spiritwali tal-pazjent jew klijent; jifhmu u japprezzaw l-konċett ta' kura individwalizzata, ifasslu pjan ta' kura, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u valutazzjoni billi juru apprezzament u prattika tal-prinċipji ta' problema u l-mod kif tiġi solvuta; u

(o) igħinu pazjenti jew klijenti, skond il-każ, biex jagħmlu progress fi gradi li jvarjaw, ta' dipendenza sa indipendenza massima, jew għall-mewt paċifika.

L-Eżami Komprensiv Finali

11. (1) Kandidat hu mistenni li jagħmel l-eżami komprensiv finali wara li jikseb għallinqas l-għadd minimu ta' kredti speċifikati fir-regolamenti 8(4) u 9(1) u jissodisfa r-rekwiżiti tar-regolament 10.

(2) Fi tmiem il-Kors kandidat hu mistenni li jagħmel l-eżami komprensiv finali li għandu jikkonsisti f'dan li ġej:

Karta I	Kura Primarja tas-Saħħa
Karta II	Teorija u Prattika ta' l-Infermiera
Karta III	Teorija u Prattika ta' l-Infermiera
Karta IV	Teorija/Riċerka ta' l-Infermiera

Karta V	Zvilupp Professjonali
Proġett Speċjali:	Dissertazzjoni ta' mhux inqas minn 10,000 kelma dwar suġġett approvat
Testijiet fil-Prattika Klinika ta' l-Infermiera	

(3) Kandidat jista' jkun meħtieġ ukoll jagħmel eżami *viva voce*.

(4) Kull sena jkun hemm sessjoni waħda biss ta' l-eżami komprensiv finali, li normalment tinżamm f'Mejju/Ġunju.

(5) Il-valutazzjoni globali tal-kandidat għall-Grad tikkonsidra x-xogħol tiegħu fl-eżami komprensiv finali kif ukoll iċ-ċertifikat tal-kredti u l-gradi miksuba matul il-Kors.

(6) Kandidat li jeħel f'karta waħda biss għandu jitħalla jerġa' jagħmel l-eżami f'dik il-karta. Kandidat li jeħel f'aktar minn karta waħda għandu jerġa' jagħmel l-eżami kollu darba oħra biss li normalment tkun f'Settembru ta' l-istess sena. Kandidat jista' jitħalla jirrepeti l-aħħar sena qabel ma jerġa' jagħmel l-eżami komprensiv finali kollu f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

Ir-Riżultati

12. (1) L-ismijiet ta' kandidati li huma meqjusa mill-eżaminaturi li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad bl-"Honours" għandhom jiġu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku f'waħda minn dawn il-kategoriji: First Class, Second Class (Upper Division), Second Class (Lower Division) u Third Class skond il-mertu li l-kandidat ikun ikkunsidrat li kiseb globalment fil-valutazzjonijiet matul il-Kors, inkluż l-eżami finali komprensiv.

(2) Għandha tiġi ppubblikata wkoll lista ta' kandidati li għalkemm ma jkunux meqjusa li jisthoqqilhom "Honours", ikunu kkunsidrati mill-eżaminaturi li għandhom mertu biżżejjed biex jingħataw "Pass" u dawn il-kandidati għandhom jikkwalifikaw għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies — B.Sc. (Nursing Studies).

(3) Kandidat ma jkunx jista' jikseb il-Grad bl-"Honours" jekk ma jikkwalifikax għalih fl-eżami finali komprensiv ma' l-ewwel darba u fi żmien erba' snin minn meta jkun irreġistra għall-Kors ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tas-Senat.

(4) Kandidati li l-ismijiet tagħhom ma jkunux ippubblikati f'xi waħda miż-żewġ listi msemmijin f'dan ir-regolament ikunu kkunsidrati li weħlu.

Noti ta' Spjegazzjoni

(1) Direttiva tal-Kummissjoni Ewropea 77/453/KEE.

(2) Kif stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea.